REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/297

tal-20 ta' Frar 2019

li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' ġild kamoxxa li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(2) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri fis-seħħ

(1) Wara investigazzjoni anti-dumping ("l-investigazzjoni oriġinali"), il-Kunsill impona, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1338/2006 ([2]), dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ġild kamoxxa li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ" jew "iċ-Ċina" jew "il-pajjiż ikkonċernat"). Il-miżuri ħadu l-forma ta' dazju *ad valorem* ta' 58,9 %.

(2) Wara rieżami ta' skadenza ("rieżami preċedenti ta' skadenza"), il-Kunsill iddeċieda, permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1153/2012 ([3]), li jżomm fis-seħħ id-dazji anti-dumping.

1.2. Talba għal rieżami ta' skadenza

(3) Wara l-pubblikazzjoni ta' notifika ta' skadenza imminenti tal-miżuri anti-dumping fis-seħħ ([4]), il-Kummissjoni rċeviet talba għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri fis-seħħ skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

(4) It-talba ġiet ippreżentata mill-UK Leather Federation ("l-applikant") f'isem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 25 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni tal-ġild kamoxxa u kienet ibbażata fuq ir-raġunijiet li l-iskadenza tal-miżuri x'aktarx twassal għal kontinwazzjoni ta' dumping u kontinwazzjoni ta' dannu lill-industrija tal-Unjoni.

1.3. Bidu ta' rieżami ta' skadenza

(5) Wara li stabbilixxiet li kien hemm biżżejjed evidenza għall-bidu ta' rieżami ta' skadenza, fis-6 ta' Diċembru 2017 il-Kummissjoni, permezz ta' notifika ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]) ("in-Notifika tal-Bidu") ħabbret il-bidu ta' rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

1.4. Partijiet interessati

(6) Il-Kummissjoni avżat uffiċjalment dwar il-bidu ta' rieżami ta' skadenza, lill-applikant, lill-produtturi magħrufa fl-Unjoni, lill-produtturi esportaturi fil-pajjiż ikkonċernat, lill-importaturi mhux relatati, lill-utenti fl-Unjoni li hu magħruf li huma kkonċernati u lir-rappreżentanti tal-pajjiż ikkonċernat. Ma hemm l-ebda produttur ieħor magħruf tal-Unjoni tal-ġild kamoxxa għajr dawk li huma rrappreżentati mill-applikant.

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21.
([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1338/2006 tat-8 ta' Settembru 2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ġild kamoxxa li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 251, 14.9.2006, p. 1).
([3]) Ir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1153/2012 tat-3 ta' Diċembru 2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ġilda tal-kamoxxa li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 334, 6.12.2012, p. 31).
([4]) Notifika ta' skadenza imminenti ta' ċerti miżuri anti-dumping (ĠU C 72, 8.3.2017, p. 3).
([5]) Notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri anti-dumping li japplikaw għall-importazzjonijiet ta' ġild kamoxxa li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C 416, 6.12.2017, p. 15).

1.5. **Kampjunar**

(7) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li tista' tieħu kampjuni mill-importaturi tal-Unjoni mhux relatati u l-produtturi esportaturi Ċiniżi skont l-Artikolu 17 tar-Regolament bażiku.

(8) Peress li l-uniku żewġ produtturi tal-Unjoni eżistenti kienu jirrappreżentaw 100 % tal-produzzjoni tal-Unjoni, ma kien previst l-ebda kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni.

1.5.1. *Kampjunar ta' importaturi mhux relatati*

(9) Sabiex jiġi deċiż jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, f'dak il-każ biex jintgħażel kampjun, l-importaturi kollha mhux relatati ġew mistiedna jipparteċipaw f'din l-investigazzjoni. Dawn il-partijiet intalbu jippreżentaw lilhom infushom billi jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni mitluba fl-Anness II tan-Notifika tal-Bidu.

(10) Żewġ importaturi mhux relatati ppreżentaw ruħhom. Madankollu, dawn iż-żewġ kumpaniji ma importawx il-prodott ikkonċernat minn meta sar ir-rieżami ta' skadenza preċedenti, jiġifieri mill-2012.

1.5.2. *Il-kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ*

(11) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-esportaturi jew produtturi magħrufa fir-RPĊ sabiex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-Unjoni Ewropea sabiex tidentifika u/jew tikkuntattja lil esportaturi/produtturi oħrajn, jekk hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Il-Missjoni ma rrispondietx għat-talba. Il-Kummissjoni għaldaqstant ikkuntattjat lill-produtturi esportaturi identifikati mill-applikant fit-talba biex jinbeda rieżami ta' skadenza.

(12) Madankollu, l-ebda produttur esportatur fir-RPĊ ma pprovda l-informazzjoni mitluba u lanqas ikkoopera fl-investigazzjoni.

1.6. **Kwestjonarji u żjarat ta' verifika**

(13) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa neċessarja biex tiġi determinata l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping u l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dannu u l-interess tal-Unjoni.

(14) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji liż-żewġ produtturi tal-Unjoni rrappreżentati mill-applikant. Waslu risposti għall-kwestjonarju mingħand iż-żewġ produtturi tal-Unjoni.

(15) Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 16 tar-Regolament bażiku twettqu fil-bini tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— Hutchings & Harding Ltd, Cambridge, ir-Renju Unit

— Marocchinerie e Scamoscerie Italiane Spa, Torino, l-Italja

1.7. **Perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami u perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(16) Il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami tad-dumping u tad-dannu kopra l-perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 2016 u t-30 ta' Settembru 2017 ("il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami" jew "PIR"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2014 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

2. **PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

(17) Il-prodott ikkonċernat huwa ġild kamoxxa u ġild kamoxxa kkombinat, kemm jekk imqatta' f'forma sew jekk le, inkluż ġild kamoxxa tal-qoxra u ġild kamoxxa tal-qoxra kkombinat li joriġinaw mir-RPĊ, li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċi NM 4114 10 10 u 4114 10 90 ("il-prodott ikkonċernat"). Jintuża prinċipalment għat-tindif u l-illustrar.

(18) L-investigazzjoni kkonfermat li, bħal fl-investigazzjoni oriġinali, il-prodott ikkonċernat u l-prodott li jiġi prodott u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni għad għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi, u għalhekk huma prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. **ID-DUMPING**

(19) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk ikunx probabbli li l-iskadenza tal-miżuri eżistenti twassal għal kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping mill-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(20) Peress li l-ebda produttur esportatur fir-RPĊ ma kkoopera fl-investigazzjoni (ara l-premessa (12)), il-Kummissjoni vvalutat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari *data* statistika mill-Eurostat, mill-Bażi ta' *Data* tal-Esportazzjoni Ċiniża, informazzjoni fit-talba għal rieżami, informazzjoni disponibbli pubblikament bħas-sit web uffiċjali tal-produttur Ċiniz Henan Prosper ([6]) u informazzjoni miksuba mill-applikant matul l-investigazzjoni tar-rieżami.

3.1. **Dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami**

3.1.1. *Il-valur normali*

(21) F'konformità mal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku, fil-każ ta' importazzjonijiet mir-RPĊ, il-valur normali normalment jiġi ddeterminat abbażi tal-prezz jew tal-valur maħdum f'pajjiż terz b'ekonomija tas-suq, jew il-prezz minn dan il-pajjiż terz għal pajjiżi oħra, inkluża l-Unjoni, jew, fejn dawn ma jkunux possibbli, fuq kull bażi oħra raġonevoli, inkluż il-prezz attwalment imħallas jew li għandu jitħallas fl-Unjoni għall-prodott simili, aġġustat kif xieraq, jekk ikun meħtieġ, sabiex jinkludi marġni ta' profitt raġonevoli.

Valur normali fl-investigazzjoni oriġinali u rieżami ta' skadenza preċedenti

(22) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni użat l-Istati Uniti tal-Amerka ("l-Istati Uniti") bħala pajjiż analogu u stabbilixxiet il-valur normali bbażat fuq il-prezzijiet ta' produttur tal-ġild kamoxxa li kkoopera fl-Istati Uniti.

(23) Minn dakinhar, l-uniku produttur tal-ġild kamoxxa li jopera fl-Istati Uniti għalaq il-produzzjoni tiegħu. Għaldaqstant, fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, il-Kummissjoni stabbilixxiet il-valur normali bbażat fuq il-prezz medju tal-importazzjonijiet mill-Indja lejn l-Unjoni (dak iż-żmien l-Indja kienet l-akbar importatur tal-Unjoni).

Valur normali għall-investigazzjoni kurrenti

(24) Fin-Notifika tal-Bidu tar-rieżami ta' skadenza kurrenti, il-Kummissjoni għarrfet lill-partijiet interessati li sabiex tistabbilixxi l-bażi għall-valur normali kienet qed tippjana li tuża l-prezzijiet fl-Unjoni. Għarrfet ukoll lill-partijiet interessati li produtturi oħra tal-ekonomija tas-suq tal-ġild kamoxxa jistgħu jkunu lokalizzati fl-Indja, fin-Niġerja, fit-Turkija u fin-New Zealand. Dawk il-pajjiżi jistgħu għalhekk jitqiesu bħala pajjiżi terzi b'ekonomija tas-suq ("pajjiżi analogi") skont it-tifsira tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw u li jitolbu seduta mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fil-proċeduri tal-kummerċ. Madankollu, ma wasal l-ebda kumment.

(25) Il-Kummissjoni l-ewwel ikkuntattjat lir-rappreżentanzi ta' dawn il-pajjiżi analogi potenzjali sabiex titlob l-għajnuna tagħhom fl-identifikazzjoni tal-produtturi fil-pajjiżi rispettivi tagħhom li jistgħu jiġu mistiedna jikkooperaw bħala produtturi tal-pajjiżi analogi. Imbagħad bagħtet talba għal kooperazzjoni lill-produtturi kollha magħrufa tal-ġild kamoxxa f'dawn il-pajjiżi, jiġifieri lis-seba' produtturi magħrufa u lil żewġ assoċjazzjonijiet tal-produtturi magħrufa fl-Indja, lill-uniku produttur magħruf fin-New Zealand u lill-uniku produttur magħruf fit-Turkija.

(26) Produtturi tal-ġild kamoxxa wieħed biss fl-Indja inizjalment qabel li jikkoopera. Madankollu, sussegwentement naqas milli jimla l-kwestjonarju mibgħut mill-Kummissjoni u waqaf jikkoopera. Għalhekk, finalment, l-ebda wieħed mill-produtturi tal-ġild kamoxxa fil-pajjiż analogu kkuntattjati ma kkoopera fl-investigazzjoni.

([6]) https://www.globalsources.com/si/AS/Henan-Prosper/6008801452841/Homepage.htm.

(27) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn produttur tal-pajjiż b'ekonomija tas-suq, il-Kummissjoni ddeċidiet li tistabbilixxi l-valur normali bbażat fuq l-istess metodoloġija bħal fir-rieżami ta' skadenza preċedenti, jiġifieri fuq il-bażi tal-prezzijiet tal-importazzjoni tal-akbar importatur tal-ġild kamoxxa lejn l-Unjoni.

(28) Fuq il-bażi ta' *data* statistika ([7]), in-Niġerja kellha l-akbar volum ta' importazzjonijiet lejn l-Unjoni fil-PIR. Il-valur normali għalhekk ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz medju tal-importazzjonijiet Niġerjani fl-Unjoni.

3.1.2. *Prezz tal-esportazzjoni*

(29) Peress li l-ebda produttur esportatur fir-RPĊ ma kkoopera fl-investigazzjoni (ara l-premessa (12)), il-Kummissjoni vvalutat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dumping fuq il-bażi tal-fatti disponibbli skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezz statistiku medju tal-importazzjonijiet mir-RPĊ lejn l-Unjoni ([8]).

3.1.3. *Dumping*

(30) Il-Kummissjoni qabblet il-valur normali bbażat fuq il-metodu deskritt taħt it-Taqsima 3.1.1 mal-prezz tal-esportazzjoni stabbilit skont il-metodu deskritt fit-Taqsima 3.1.2. Il-kalkolu tad-dumping irriżulta f'marġni ta' dumping ta' 118 %.

3.1.4. *Konklużjoni dwar id-dumping fil-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami*

(31) Għalkemm b'volum iżgħar milli fl-investigazzjoni oriġinali, il-produtturi esportaturi Ċiniżi komplew jesportaw ġild kamoxxa lejn l-Unjoni bi prezzijiet oġġett ta' dumping matul il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rieżami.

3.2. **Analiżi dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping**

(32) Il-Kummissjoni analizzat ukoll jekk kienx hemm il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' dumping jekk il-miżuri fis-seħħ jitħallew jiskadu. Meta għamlet dan, analizzat il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fiċ-Ċina, l-imġiba tal-esportaturi Ċiniżi fi swieq oħra, is-sitwazzjoni fis-suq domestiku taċ-Ċina u kemm hu attraenti s-suq tal-Unjoni.

(33) Peress li l-ebda produttur esportatur magħruf tal-ġild kamoxxa ma kkoopera fl-investigazzjoni, il-konklużjonijiet stipulati fil-premessi minn (34) sa (44) dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew ta' rikorrenza ta' dumping kellhom ikunu bbażati fuq sorsi oħra, jiġifieri *data* tal-Eurostat, *data* mill-Bażi ta' *Data* tal-Esportazzjoni Ċiniża, informazzjoni fit-talba għal rieżami, informazzjoni disponibbli pubblikament bħal dik disponibbli fuq is-sit web uffiċjali tal-produttur Ċiniż Henan Prosper u informazzjoni miksuba mill-applikant matul l-investigazzjoni tar-rieżami.

3.2.1. *Kapaċità ta' produzzjoni*

(34) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni minn kwalunkwe produttur esportatur Ċiniż, l-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni dwar il-kapaċità tal-produzzjoni u ta' riżerva hija bbażata fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikant u fuq informazzjoni disponibbli pubblikament.

(35) Skont din l-informazzjoni, hemm kapaċità importanti li tipproduċi ġild kamoxxa fiċ-Ċina.

(36) L-ewwel nett, l-akbar kumpanija tal-manifattura tal-ġlud tan-nagħaġ fid-dinja, jiġifieri Henan Prosper, tinsab fiċ-Ċina. Għalkemm Henan Prosper tipproċessa ġlud ta' annimali differenti (inkluż ġlud li ma jaqgħux taħt l-ambitu tal-prodott), hija għandha kapaċità ta' produzzjoni ta' 30 000 ġild kuljum. Skont is-sit web ta' Henan Prosper din il-kapaċità hija ekwivalenti għall-kapaċità annwali tal-ipproċessar ta' 7 miljun ġild (madwar 47,3 miljun pied kwadru) ([9]). Hija għandha forza tax-xogħol ta' 3600 persuna u kunzerija tal-ġild kamoxxa ddedikata ([10]). Għalkemm l-informazzjoni dwar is-sehem eżatt ta' produzzjoni tal-ġilda kamoxxa (u l-kapaċità) fiil-produzzjoni kollha ma tkunx disponibbli, meta mqabbla, il-kapaċità tal-industrija tal-Unjoni biex tipproduċi ġilda kamoxxa kienet bejn is-7 u l-10 miljun pied kwadru matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami ([11]).

([7]) Sors: Eurostat
([8]) Sors: Eurostat
([9]) Skont l-industrija tal-Unjoni, ġild wieħed jirrappreżenta bejn 6,5 sa 7 piedi kwadri. (7 miljuni*6,75 = 47,25 miljun)
([10]) Id-Direttorju ta' esibituri tal-Fiera tal-Ġilda tal-Asja tal-Paċifiku (http://www.aplf.com/en-US/534/henan-prosper/6740), u artiklu minn magażin tal-ġilda (http://www.leathermag.com/news/newsmichael-lu-henan-prosper-skins-leather-enterprise-co-ltd)
([11]) Iċ-ċifra preċiża dwar il-kapaċità hija kunfidenzjali.

(37) It-tieni nett, skont l-informazzjoni pprovduta mill-applikant, jeżistu bosta produtturi oħra tal-ġild kamoxxa fiċ-Ċina. Il-Kummissjoni ma għandhiex informazzjoni dwar il-kapaċità tal-produzzjoni ta' dawk il-produtturi. Madankollu, il-kapaċità annwali ta' 7 miljun ġild ta' Henan Prosper stess tirrappreżenta aktar mill-konsum kollu tal-Unjoni fil-PIR (ara t-Tabella 1 fil-premessa (53)).

(38) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-produtturi Ċiniżi tal-ġild kamoxxa kellhom kapaċitajiet tal-produzzjoni suffiċjenti li jistgħu jintużaw biex jipproduċu ġild kamoxxa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni jekk il-miżuri anti-dumping jiskadu.

3.2.2. *L-imġiba tal-esportaturi Ċiniżi fis-swieq ta' pajjiżi terzi*

(39) Matul il-PIR, il-produtturi Ċiniżi esportaw kwantitajiet sinifikanti ta' ġild kamoxxa lejn pajjiżi terzi apparti l-Unjoni, b'mod partikolari lejn il-Malasja, il-Bangladesh, Singapore, il-Vjetnam, il-Ġappun u l-Istati Uniti. Il-volum totali tal-esportazzjonijiet skont il-Bażi ta' *Data* tal-Esportazzjoni Ċiniża rrappreżenta 5,1 miljun pied kwadru ta' ġilda kamoxxa fil-PIR.

(40) Il-Kummissjoni qabblet il-prezz medju tal-ġild kamoxxa esportat lejn is-swieq prinċipali tal-esportazzjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami mal-prezz medju tal-esportazzjoni lejn is-suq tal-Unjoni. Dak it-tqabbil sar fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Bażi ta' *Data* tal-Esportazzjoni Ċiniża ([12]).

(41) Il-prezzijiet kif irrappurtati mill-Bażi ta' *Data* tal-Esportazzjoni Ċiniża wrew differenzi sinifikanti ta' prezzijiet għal kull kg bejn l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi differenti fil-PIR. Madankollu huma wrew ukoll li 72,8 % tal-volumi esportati miċ-Ċina lejn pajjiżi terzi saru bi prezz aktar baxx meta mqabbel mal-esportazzjonijiet tal-istess prodott lejn l-Unjoni li nstabu li kienu l-oġġett ta' dumping. Għalhekk, l-esportazzjonijiet miċ-Ċina lejn pajjiżi terzi ta' ġilda kamoxxa saru bi prezzijiet saħansitra aktar baxxi minn dawk lejn l-Unjoni.

3.2.3. *Kemm huwa attraenti s-suq tal-Unjoni*

(42) Qabel ma ġew introdotti l-miżuri, l-Unjoni kienet suq tradizzjonali tal-esportazzjoni għar-RPĊ: Fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali (April 2004 - Marzu 2005), l-importazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni laħqu 6,6 miljun pied kwadru ta' ġilda kamoxxa, aktar minn 28 darba l-livell kurrenti tagħhom ta' esportazzjonijiet lejn l-Unjoni.

(43) Matul il-PIR, il-livell tal-prezz medju fis-suq tal-Unjoni (0,99 EUR għal kull pied kwadru) kien ogħla mill-prezz tal-esportazzjoni medju Ċiniż għal swieq oħra tal-esportazzjoni li jissuġġerixxi li hemm inċentiv ekonomiku għall-produtturi esportaturi Ċiniżi biex jaqilbu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni jekk il-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu.

(44) Għalhekk, fid-dawl tal-fatt li l-Unjoni kienet suq Ċiniż tradizzjonali qabel l-impożizzjoni tal-miżuri u minħabba l-prezzijiet (għolja), il-Kummissjoni tqis li jekk il-miżuri anti-dumping jiskadu, is-suq tal-Unjoni se jsir aktar attraenti għall-produtturi Ċiniżi u li x'aktarx huma se jippruvaw iżidu l-bejgħ tagħhom lejn l-Unjoni bl-użu tal-kapaċitajiet disponibbli tagħhom, aktar milli jibdew jesportaw lejn swieq oħra.

3.2.4. *Konklużjoni dwar id-dumping u dwar il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tad-dumping*

(45) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet Ċiniżi dwar il-prodott ikkonċernat komplew jidħlu fis-suq tal-Unjoni bi prezzijiet suġġetti għal dumping matul il-perjodu tal-investigazzjoni tar-rieżami. Din l-investigazzjoni wriet ukoll li l-kapaċità tal-produzzjoni fir-RPĊ kienet ferm sinifikanti meta mqabbla mal-konsum tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami. Din il-kapaċità żejda x'aktarx tkun esportata lejn is-suq tal-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(46) Barra minn hekk, il-prezzijiet ta' esportazzjoni Ċiniżi lejn swieq oħra kienu aktar baxxi minn dawk għall-Unjoni. Din l-imġiba tal-ipprezzar tal-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn swieq terzi ssostni l-probabbiltà li d-dumping lejn l-Unjoni jkompli, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(47) Fl-aħħar nett, l-attrattività tas-suq tal-Unjoni f'termini ta' daqs u ta' prezzijiet indikat li x'aktarx li l-esportazzjonijiet Ċiniżi jkunu diretti lejn is-suq tal-Unjoni, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(48) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà qawwija li r-revoka tal-miżuri anti-dumping tirriżulta f'żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ lejn l-Unjoni, fi kliem ieħor, li hemm probabbiltà kbira li jitkompla d-dumping.

([12]) Il-valuri tal-esportazzjoni huma espressi f'dollari Amerikani u fuq bażi FOB. Il-kwantitajiet huma espressi f'kg.

4. DANNU

4.1. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(49) Il-prodott simili kien manifatturat minn żewġ produtturi fl-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Huma jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku.

(50) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni ġiet stabbilita għal bejn 4 u 5 miljun pied kwadru. Il-Kummissjoni stabbilixxiet iċ-ċifra abbażi tal-informazzjoni kollha disponibbli li tirrigwarda l-industrija tal-Unjoni, prinċipalment *data* miġbura miż-żewġ produtturi tal-Unjoni li kkooperaw matul l-investigazzjoni. Dawn iż-żewġ produtturi tal-Unjoni li kkooperaw jirrappreżentaw madwar 100 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni.

(51) Billi l-indikaturi mikroekonomiċi u makroekonomiċi tad-dannu huma bbażati fuq id-*data* ta' żewġ kumpaniji biss, dawn huma ppreżentati f'format indiċjat sabiex tinżamm il-kunfidenzjalità, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku.

4.2. Konsum tal-Unjoni

(52) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-konsum tal-Unjoni abbażi tal-volumi tal-bejgħ ivverifikati tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni u tad-*data* tal-importazzjoni mill-Eurostat.

(53) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Il-konsum tal-Unjoni (pied kwadru)

	2014	2015	2016	PIR
Konsum totali tal-Unjoni ('000 pied kwadru)	25 000-35 000	30 000-40 000	35 000-45 000	40 000-50 000
Indiċi (2014 = 100)	*100*	*113*	*127*	*141*

Sors: Data pprovduta mill-applikant u mill-Eurostat.

(54) Il-konsum tal-Unjoni żdied b'mod stabbli b'rata ta' 13-14 % fis-sena u b'mod ġenerali b'41 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.3. Importazzjonijiet mir-RPĊ

4.3.1. *Volum u sehem mis-suq*

(55) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-importazzjoni mill-Eurostat. Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet kien stabbilit fuq il-bażi tal-konsum tal-Unjoni kif stabbilit fil-premessi minn (52) sa (54).

(56) L-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Volum ta' importazzjonijiet (pied kwadru) u s-sehem mis-suq

	2014	2015	2016	PIR
Volum ta' importazzjonijiet mir-RPĊ ('000 pied kwadru)	3 230	403	293	230
Indiċi (2014 = 100)	*100*	*12*	*9*	*7*
Is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ (%)	10-15	0-5	0-5	0-5

Sors: Data mill-Eurostat

(57) Il-volumi ta' importazzjoni mir-RPĊ naqsu drastikament, minn 3,2 miljun pied kwadru fl-2014 għal 0,2 miljun pied kwadru fil-PIR, jiġifieri bi 93 %, bi tnaqqis korrispondenti fis-sehem mis-suq minn 10-15 % għal 0-5 % matul il-perjodu kkunsidrat. Produtturi esportaturi Ċiniżi bħalissa għandhom sehem żgħir ħafna mis-suq, li jappoġġa l-idea li l-miżuri anti-dumping fis-seħħ kienu effettivi.

4.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u t-twaqqigħ tal-prezz*

(58) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat. Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mill-pajjiż ikkonċernat żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjoni (EUR/pied kwadru)

	2014	2015	2016	PIR
Prezz tal-importazzjonijiet mir-RPĊ (EUR/pied kwadru)	0,06	0,24	0,28	0,39
Indiċi (2014 = 100)	*100*	*417*	*490*	*668*

Sors: Data mill-Eurostat

(59) Il-prezzijiet tal-importazzjoni żdiedu kontinwament matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, għandu jiġi nnotat li s-sena bażi turi valur monetarju relattivament baxx.

(60) Għall-iskop tal-analiżi tat-twaqqigħ tal-prezz fil-PIR, il-prezz medju peżat tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni kienu mqabbla mal-prezz medju peżat tal-importazzjoni korrispondenti mir-RPĊ. Għat-tqabbil, il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni ġew aġġustati b'mod partikolari għan-noti ta' kreditu, il-kostijiet ta' twassil, l-imballaġġ u l-kummissjonijiet għal livell fuq bażi ex-works. Il-prezz tal-importazzjoni mir-RPĊ inkiseb mill-Eurostat u ġie aġġustat bit-tariffa doganali u kostijiet ta' wara l-importazzjoni.

(61) It-tqabbil wera li matul il-PIR l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat waqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni b'36,6 %, filwaqt li ttieħed inkunsiderazzjoni d-dazju anti-dumping fis-seħħ.

4.4. **Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi**

(62) L-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħrajn żviluppaw matul il-perjodu kkunsidrat kif ġej:

Tabella 4

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2014	2015	2016	PIR
L-Indja	Volum ('000 pied kwadru)	10 940	11 280	11 423	10 907
	Indiċi (2014 = 100)	*100*	*103*	*104*	*100*
	Is-sehem mis-suq (%)	35-40	30-35	25-30	25-30
	Prezz medju EUR/pied kwadru	0,55	0,53	0,61	0,65
It-Turkija	Volum ('000 pied kwadru)	2 157	2 360	2 720	2 043
	Indiċi (2014 = 100)	*100*	*109*	*126*	*95*
	Is-sehem mis-suq (%)	5-10	5-10	5-10	0-5
	Prezz medju EUR/pied kwadru	1,16	0,91	0,64	0,64

Pajjiż		2014	2015	2016	PIR
In-Niġerja	Volum ('000 pied kwadru)	3 663	8 890	15 930	22 607
	Indiċi (2014 = 100)	*100*	*243*	*435*	*617*
	Is-sehem mis-suq (%)	10-15	25-30	40-45	50-55
	Prezz medju EUR/pied kwadru	0,38	0,73	0,96	0,85
In-New Zealand	Volum ('000 pied kwadru)	1 833	2 127	1 673	1 783
	Indiċi (2014 = 100)	*100*	*116*	*91*	*97*
	Is-sehem mis-suq (%)	5-10	5-10	0-5	0-5
	Prezz medju EUR/pied kwadru	0,72	0,89	0,78	0,74
Il-Pakistan	Volum ('000 pied kwadru)	1 480	927	517	727
	Indiċi (2014 = 100)	*100*	*63*	*35*	*49*
	Is-sehem mis-suq (%)	0-5	0-5	0-5	0-5
	Prezz medju EUR/pied kwadru	0,66	0,88	0,87	0,82
Il-kumplament tad-dinja	Volum ('000 pied kwadru)	2 823	4 920	2 123	903
	Indiċi (2014 = 100)	*100*	*174*	*75*	*32*
	Is-sehem mis-suq (%)	5-10	10-15	5-10	0-5
	Prezz medju EUR/pied kwadru	0,57	0,43	0,50	0,85
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr ir-RPĊ	Volum ('000 pied kwadru)	26 127	30 907	34 680	39 200
	Indiċi (2014 = 100)	*100*	*118*	*133*	*150*
	Is-sehem mis-suq (%)	75-80	85-90	85-90	90-95
	Prezz medju EUR/pied kwadru	0,54	0,63	0,78	0,77

Sors: Data mill-Eurostat u mit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(63) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-volum totali ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra lejn l-Unjoni żdied b'mod kontinwu, minn madwar 26 miljun pied kwadru fl-2014 għal madwar 39 miljun pied kwadru fil-PIR, jiġifieri b'50 %. Dawn l-importazzjonijiet irrappreżentaw sehem mis-suq tal-Unjoni ta' 90-95 % fil-PIR (minn 75-80 % fl-2014). Meta meqjusa flimkien pajjiżi terzi oħra jidhru li bbenefikaw bis-sħiħ miż-żieda ta' 41 % fil-konsum tal-Unjoni kif imsemmi fil-premessa (54).

(64) Skont il-pajjiż, l-akbar sehem mis-suq huwa rappreżentat minn importazzjonijiet min-Niġerja, 52,5 % fil-PIR. Is-sorsi l-oħra ewlenin tal-provvista tal-ġild kamoxxa lejn l-Unjoni kienu l-Indja, it-Turkija u n-New Zealand.

(65) L-importazzjonijiet min-Niġerja jistħoqqilhom referenza speċjali. Il-volumi kibru f'daqqa, billi żdiedu b'mod kostanti u kważi ħames darbiet aktar matul il-perjodu kkunsidrat. Fil-fatt is-sehem mis-suq tan-Niġerja biss żdied matul il-perjodu kkunsidrat. Fl-2014, l-importazzjonijiet Niġerjani kellhom sehem mis-suq ta' 12 % filwaqt li fil-PIR wieħed minn żewġ bejgħ tal-ġild kamoxxa kienu ta' oriġini Niġerjana.

4.5. **Qagħda Ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.5.1. *Kummenti ġenerali*

(66) B'konformità mal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku, l-analiżi tal-impatt li għandhom l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping fuq l-industrija tal-Unjoni tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li għandhom effett fuq l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(67) Għad-determinazzjoni tad-dannu, il-Kummissjoni ma għamlitx distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u mikroekonomiċi peress li l-industrija tal-Unjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament bażiku, hija kkostitwita minn żewġ produtturi biss. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi ekonomiċi abbażi tad-*data* relatata ma' dawn iż-żewġ produtturi.

(68) L-indikaturi tad-dannu huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-utilizzazzjoni tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, l-impjiegi, il-produttività, il-kost lavorattiv, il-kobor tal-marġini ta' dumping, u l-irkupru minn dumping tal-passat, il-prezzijiet tal-unità tal-bejgħ, il-kost unitarju, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-abbiltà li jiġi ġġenerat il-kapital. Dawn huma analizzati kif ġej.

4.5.2. *L-indikaturi tad-dannu*

4.5.2.1. Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u utilizzazzjoni tal-kapaċità

(69) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Il-produzzjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità

	2014	2015	2016	PIR
Volum tal-produzzjoni ('000 pied kwadru)	3 000 - 4 000	4 000 - 5 000	4 000 - 5 000	4 000 - 5 000
Indiċi (2014 = 100)	*100*	*128*	*122*	*120*
Kapaċità ta' produzzjoni ('000 pied kwadru)	7 000 - 10 000	7 000 - 10 000	7 000 - 10 000	7 000 - 10 000
Indiċi (2014 = 100)	*100*	*100*	*100*	*100*
Utilizzazzjoni tal-kapaċità (%)	40 - 50	50 - 60	50 - 60	50 - 60
Indiċi (2014 = 100)	*100*	*128*	*122*	*120*

Sors: Data mit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(70) Il-volum tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'20 % matul il-perjodu kkunsidrat.

(71) Il-kapaċità ta' produzzjoni baqgħet stabbli bejn l-2014 u l-PIR, b'rati medji ta' utilizzazzjoni tal-kapaċità li jvarjaw ibbażati fuq livelli ta' produzzjoni matul l-istess perjodu. Kumplessivament, bejn l-2014 u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità tal-PIR żdied, iżda baqa' f'livelli baxxi skont standards storiċi. Ta' min jinnota li rati baxxi ta' utilizzazzjoni normalment jaffettwaw l-ispejjeż għal kull unità, peress li l-ispejjeż ġenerali huma mifruxa fuq volumi żgħar ta' produzzjoni.

4.5.2.2. Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq

(72) Il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni u s-sehem mis-suq tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni

	2014	2015	2016	PIR
Volum ta' bejgħ tal-Unjoni lil klijenti mhux relatati ('000 pied kwadru)	4 000 - 5 000	3 000 - 4 000	3 000 - 4 000	3 000 - 4 000
Indiċi (2014 = 100)	*100*	*82*	*89*	*90*

	2014	2015	2016	PIR
Is-sehem mis-suq (%)	10 - 15	10 - 15	10 - 15	5 - 10
Indiċi (2014 = 100)	*100*	*72*	*71*	*63*

Sors: Data mill-Eurostat u mit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(73) B'mod ġenerali, il-volum tal-bejgħ tal-Unjoni ma segwiex ix-xejra ta' żieda osservata fil-konsum. Filwaqt li l-konsum tal-Unjoni żdied b'41 % matul il-perjodu kkunsidrat (ara l-premessa (54)), il-volum tal-bejgħ tal-prodott simili mill-industrija tal-Unjoni lil klijenti indipendenti fis-suq tal-Unjoni naqas b'10 % matul l-istess perjodu, li wassal għal nuqqas sinifikanti fis-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni.

4.5.2.3. Impjiegi u produttività

(74) Matul il-perjodu kkunsidrat, l-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej:

Tabella 7

L-impjiegi u l-produttività

	2014	2015	2016	PIR
In-numru ta' impjegati	50 - 60	60 - 70	60 - 70	70 - 80
Indiċi (2014 = 100)	*100*	*122*	*122*	*151*
Produttività (pied kwadru għal kull impjegat)	70 - 80	70 - 80	70 - 80	50 - 60
Indiċi	*100*	*105*	*100*	*79*

Sors: Data mit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(75) L-industrija tal-Unjoni żiedet il-livell ta' impjiegi b'51 % matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, il-produttività tal-forza tax-xogħol tal-industrija tal-Unjoni, imkejla bħala produzzjoni għal kull persuna impjegata kull sena, naqset b'21 % bħala riżultat tal-impjiegi li żdiedu b'pass aktar mgħaġġel mill-produzzjoni.

4.5.2.4. Id-daqs tal-marġini tad-dumping u l-irkupru minn dumping tal-passat

(76) L-indikaturi eżaminati aktar 'il fuq juru li, minkejja l-miżuri anti-dumping fis-seħħ sa mill-2006, il-qagħda ekonomika u finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni baqgħet sostanzjalment fraġli u ta' dannu. Għalhekk, ma setax jiġi stabbilit l-irkupru sħiħ mid-dumping tal-passat. Minħabba l-marġni għoli kurrenti ta' dumping stabbilit għall-importazzjonijiet ta' ġild kamoxxa mir-RPĊ, huwa meqjus li l-industrija tal-Unjoni, minkejja l-volumi baxxi kurrenti, tibqa' vulnerabbli għall-effett dannuż ta' kwalunkwe importazzjoni li hi l-oġġett ta' dumping fis-suq tal-Unjoni.

4.5.2.5. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet domestiċi

(77) Il-prezzijiet tal-bejgħ unitarji medji ppeżati tal-produtturi tal-Unjoni lill-klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 8

Il-prezzijiet tal-bejgħ fl-Unjoni

	2014	2015	2016	PIR
Il-prezz medju tal-bejgħ għal kull unità fl-Unjoni, *Indiċi* (2014 = 100)	*100*	*107*	*101*	*106*
Kost unitarju tal-produzzjoni *Indiċi (2014 = 100)*	*100*	*110*	*100*	*107*

Sors: Data mit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(78) Il-prezzijiet tal-bejgħ medji tal-produtturi tal-Unjoni żdiedu b'6 % matul il-perjodu kkunsidrat. Fl-istess waqt, il-kost unitarju tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni żdied b'7 %. Il-mutur ewlieni għal din iż-żieda kien iż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima (jiġifieri l-ġilda mhux ipproċessata).

4.5.2.6. Kost lavorattiv

(79) Matul il-perjodu kkunsidrat il-kost lavorattiv medju tal-produtturi tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 9

Kost lavorattiv medju għal kull impjegat

	2014	2015	2016	PIR
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat *Indiċi (2014 = 100)*	*100*	*89*	*84*	*72*

Sors: Data mit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(80) Il-kost lavorattiv medju għal kull impjegat naqas bi 28 % matul il-perjodu kkunsidrat.

4.5.2.7. Inventarji

(81) Il-livelli tal-istokk tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Inventarji

	2014	2015	2016	PIR
Indiċi tal-istokks tal-għeluq (2014 = 100)	*100*	*153*	*155*	*153*

Sors: Data mit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(82) Il-livell ta' stokkijiet tal-għeluq tal-industrija tal-Unjoni żdied b'mod sinifikanti bi 53 % bejn l-2014 u l-PIR.

4.5.2.8. Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti u l-abbiltà li jiġi ġġenerat kapital

(83) Matul il-perjodu kkunsidrat, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni żviluppaw kif ġej:

Tabella 11

Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti

	2014	2015	2016	PIR
Indiċi tal-Profitt Nett tal-bejgħ tal-UE lil klijenti mhux relatati (2014 = 100)	*– 100*	*– 137*	*– 89*	*– 108*
Indiċi tal-fluss tal-flus (2014 = 100)	*100*	*– 287*	*– 76*	*– 132*
Investimenti *Indiċi (2014 = 100)*	*100*	*174*	*26*	*94*
Redditu fuq l-investimenti *Indiċi (2014 = 100)*	*– 100*	*– 107*	*– 150*	*– 257*

Sors: Data mit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

(84) Il-Kummissjoni stabbilixxiet il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni billi l-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil konsumaturi mhux relatati fl-Unjoni ġie espress bħala perċentwal tad-dħul ta' dak il-bejgħ. L-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf matul il-perjodu kollu kkunsidrat. Mill-2014 sal-PIR, it-telf kien konsistenti u żdied b'mod ġenerali bi 8 %. Din ix-xejra negattiva kkoinċidiet fiż-żmien mat-tkabbir dinamiku tal-konsum tal-Unjoni spjegat fil-premessa (54). Kif indikat fil-premessa (64), dan it-tkabbir kien kważi kompletament servut minn importazzjonijiet minn pajjiżi terzi oħra.

(85) Il-fluss tal-flus nett huwa l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom stess. Dan il-fluss nett tal-flus mill-attivitajiet operatorji naqas b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat, tnaqqis li huwa spjegat prinċipalment mit-telf sinifikanti.

(86) Ir-redditu fuq l-investiment huwa l-profitt f'perċentwal tal-valur kontabilistiku nett tal-investimenti. Ir-redditu mill-investiment kien negattiv matul il-perjodu kkunsidrat.

(87) L-investimenti magħmula matul il-perjodu kkunsidrat ma ntużawx biex tiżdied il-kapaċità tal-produzzjoni. Minflok, kwalunkwe investment kien predominentement destinat għaż-żamma u l-aġġornament tal-kapaċitajiet diġà eżistenti. Iċ-ċifra eċċezzjonali għas-sena 2015 hija dovuta għar-riallokazzjoni tal-faċilitajiet ta' produzzjoni ta' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni minn Stat Membru għal ieħor

(88) L-abbiltà li jinġabar kapital kienet affettwata mit-telf imġarrab matul il-perjodu kunsidrat.

4.5.3. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(89) Matul il-perjodu kkunsidrat, is-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni baqgħet prekarja. B'mod partikolari, l-indikaturi tal-industrija tal-Unjoni bħall-profittabbiltà, il-fluss tal-flus u r-redditu fuq l-investimenti wrew riżultati negattivi sinifikanti. L-industrija tal-Unjoni esperjenzat ukoll tnaqqis konsiderevoli fis-sehem mis-suq tagħha. L-iżvilupp negattiv fis-sehem mis-suq kien jikkoinċidi ma' żieda globali fid-domanda tal-ġild kamoxxa fis-suq tal-Unjoni, li kienet ta' benefiċċju għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi minbarra r-RPĊ. Uħud mix-xejriet negattivi osservati jistgħu jiġu spjegati mill-effett kumulattiv ta' sensiela ta' fatturi li, waqt li jaġixxu flimkien, komplew jiddeterjoraw l-istat tal-industrija tal-Unjoni li kienet għadha f'sitwazzjoni fraġli fil-PIR. Fost dawn il-fatturi, l-aktar fattur prominenti kien iż-żieda fl-importazzjonijiet min-Niġerja bi prezzijiet aktar baxxi mill-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(90) Xi indikaturi ta' dannu żviluppaw b'mod pożittiv matul il-perjodu kkunsidrat. Il-volum tal-produzzjoni żdied b'20 % u l-utilizzazzjoni tal-kapaċità żdiedet b'9 %. Dawn iż-żidiet, madankollu, ma sarrfux f'bejgħ ogħla fis-suq tal-Unjoni.

(91) Filwaqt li l-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu drastikament matul il-perjodu kkunsidrat, minn aktar minn 3 miljun pied kwadru fl-2014 għal madwar 230 000 pied kwadru matul il-PIR, li wassal għal tnaqqis fis-sehem mis-suq minn 10-15 % għal 0-5 %, il-volum totali ta' importazzjonijiet minn pajjiżi terzi żdied b'mod sinifikanti.

(92) Huwa għalhekk probabbli li ż-żieda ta' dawk l-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi fixklu kull irkupru possibbli tal-industrija tal-Unjoni mill-effett dannuż li qabel kien ikkawżat minn importazzjonijiet Ċiniżi li huma l-oġġett ta' dumping, b'mod partikolari mill-2015, meta l-importazzjonijiet Ċiniżi bdew jonqsu.

(93) Madankollu, fl-2014, ir-RPĊ xorta waħda kellha sehem mis-suq fl-Unjoni ta' aktar minn 10 %. Għalhekk, għalkemm matul il-PIR, l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ naqsu b'mod konsiderevoli, is-sehem tagħhom mis-suq fil-perjodu ta' qabel il-PIR u b'mod partikolari fl-2014 kien għadu relattivament għoli. Barra minn hekk, matul il-PIR, il-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet waqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-Unjoni. Għalhekk, ma jistax jiġi eskluż li dawn l-importazzjonijiet, minkejja t-tnaqqis tagħhom matul il-PIR, ikkontribwixxew b'mod sinifikanti għad-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni.

(94) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni gawdiet mill-miżuri oriġinali, kif urew xi titjib matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, meta mqabbla mas-sitwazzjoni li nstabet matul il-perjodu oriġinali ta' investigazzjoni. Madankollu, l-industrija tal-Unjoni qed tirkupra b'pass kajman u għadha f'sitwazzjoni fraġli u vulnerabbli, minħabba l-fatturi msemmija iktar 'il fuq. Għaldaqstant, matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' rieżami, l-industrija tal-Unjoni instabet li kient qed issofri dannu materjali kif muri mill-evoluzzjoni tal-indikaturi definiti fl-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. IL-PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TA' DANNU JEKK IL-MIŻURI JIĠU REVOKATI

(95) L-investigazzjoni wriet li l-importazzjonijiet mir-RPĊ saru f'livelli ta' prezzijiet oġġett ta' dumping matul l-RIP (il-premessa (31)) u li probabbilment id-dumping kien ikompli jekk il-miżuri jitħallew jiskadu (il-premessa (48)). Kif

iddikjarat fil-premessa (94) l-investigazzjoni kkonkludiet ukoll li l-industrija tal-Unjoni soffriet dannu. Għalhekk, il-Kummissjoni vvalutat jekk ikunx hemm probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dannu oriġinarjament kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina kieku l-miżuri kellhom jitħallew jiskadu, b'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

(96) Sabiex tkun stabbilita l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' dannu, il-Kummissjoni analizzat l-elementi li ġejjin: il-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ, attraenza tas-suq tal-Unjoni, il-livelli probabbli tal-prezzijiet mill-importazzjonijiet Ċiniżi fin-nuqqas ta' miżuri anti-dumping, u l-impatt tagħhom fuq l-industrija tal-Unjoni.

5.1. **Il-kapaċità ta' riżerva, il-fluss tal-kummerċ u kemm huwa attraenti s-suq tal-Unjoni**

(97) Matul ir-rieżami ta' skadenza preċedenti nstab li l-esportaturi Ċiniżi kellhom kapaċitajiet żejda ta' riżerva meta mqabbla mad-daqs tas-suq Ewropew, u dawn il-kapaċitajiet ma setgħux jiġu assorbiti bis-sħiħ mid-domanda domestika Ċiniża u mis-swieq tal-esportazzjoni minbarra s-suq tal-Unjoni. Fin-nuqqas ta' informazzjoni għall-kuntrarju, jista' jiġi preżunt li l-kapaċitajiet ta' riżerva kienu l-istess matul il-perjodu kurrenti kkunsidrat.

(98) L-investigazzjoni stabbilixxiet li kważi 75 % tal-volumi esportati miċ-Ċina lejn pajjiżi terzi matul il-PIR saru bi prezz aktar baxx meta mqabbel mal-esportazzjonijiet tal-istess prodott lejn l-Unjoni (ara l-premessa (43)). Ma hemm l-ebda indikazzjonijiet jew evidenza li din is-sitwazzjoni se tinbidel, tal-inqas fit-terminu qasir.

(99) F'termini ta' prezzijiet ogħla, is-suq tal-Unjoni huwa għalhekk aktar attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi minn 2/3 tas-swieq l-oħra tagħhom li l-produtturi esportaturi Ċiniżi esportaw lejhom matul il-PIR. L-attrazzjoni tas-suq tal-Unjoni se tiżdiedu aktar fin-nuqqas ta' dazji jekk il-miżuri jiskadu.

(100) Barra minn hekk, qabel l-impożizzjoni tal-miżuri s-suq tal-Unjoni kien suq tradizzjonali tal-esportazzjoni għall-produtturi esportaturi Ċiniżi li, matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, kellhom aktar minn 30 % tas-sehem mis-suq tal-Unjoni.

(101) L-investigazzjoni wriet ukoll li l-importazzjonijiet mir-RPĊ, bl-esklużjoni tad-dazju anti-dumping, kienu jnaqqsu l-prezzijiet tal-bejgħ tal-Unjoni b'59.7 % fil-PIR. Din hija indikazzjoni ta' kif x'aktarx ikun il-livell tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ jekk il-miżuri jkunu revokati.

(102) Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi huma wkoll aktar baxxi b'mod sinifikanti minn prezzijiet ta' importazzjonijiet oħra lejn is-suq tal-Unjoni (ara t-Tabelli 3 u 4). L-investigazzjoni wriet li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi fil-PIR kienu madwar 50 % aktar baxxi mill-prezz medju ta' importazzjoni minn pajjiżi terzi oħra lejn l-Unjoni. Għalhekk, huwa probabbli li l-importazzjonijiet Ċiniżi kienu jissostitwixxu dawn l-importazzjonijiet u jkomplu jeżerċitaw pressjoni ta' prezz fuq il-livelli ta' prezzijiet fuq is-swieq tal-Unjoni.

5.2. **L-effett fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni**

(103) Minħabba kapaċitajiet għoljin fir-RPĊ u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni u elementi oħrajn kif mogħti fil-qosor hawn fuq fil-premessi minn (97) sa (102), huwa probabbli li jekk il-miżuri jkunu revokati, il-produtturi esportaturi Ċiniżi se jerġgħu jibdew l-esportazzjonijiet tagħhom lejn is-suq tal-Unjoni fi kwantitajiet sinifikanti u bi prezzijiet prezzijiet suġġetti għal dumping, biex b'ħekk iwaqqgħu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-produtturi tal-Unjoni.

(104) Dan ikollu impatt negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni peress li dawn iż-żidiet sinifikanti fil-volumi tal-importazzjonijiet iwaqqgħu l-prezzijiet tal-bejgħ li l-industrija tal-Unjoni tista' tikseb, inaqqsu il-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll l-użu tal-kapaċità tagħha, biex b'ħekk jirriżultaw f'żieda fil-kostijiet ta' produzzjoni. Iż-żieda mistennija fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping bi prezz baxx b'ħekk tikkawża deterjorament ulterjuri u qawwi fir-riżultati finanzjarji tal-industrija tal-Unjoni, b'mod partikolari, fil-profittabilità.

5.3. **Konklużjoni**

(105) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li r-revoka tal-miżuri probabbilment tirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping bi prezzijiet li jwaqqgħu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, biex b'ħekk ikompli jaggrava d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Bħala konsegwenza, il-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni tkun f'riskju serju.

6. **INTERESS TAL-UNJONI**

(106) Skont l-Artikolu 21 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri anti-dumping eżistenti fuq importazzjonijiet tal-ġlud kamoxxa mir-RPĊ tmurx kontra l-interessi tal-Unjoni kumplessivament.

(107) Il-partijiet interessati kollha ngħataw l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament bażiku.

(108) Ġie analizzat jekk kienx hemm raġunijiet inevitabbli li jwasslu għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri eżistenti.

6.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(109) Minkejja li l-miżuri anti-dumping fis-seħħ evitaw importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping milli jidħlu fis-suq tal-Unjoni fil-parti l-kbira, l-industrija tal-Unjoni għadha f'qagħda prekarja, kif ikkonfermat mix-xejriet negattivi ta' ċerti indikaturi ta' dannu.

(110) Jekk il-miżuri anti-dumping jitħallew jiskadu, huwa raġonevoli li wieħed jassumi li l-influss probabbli ta' volumi sostanzjali ta' importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping mill-pajjiż ikkonċernat jikkawża aktar dannu lill-industrija tal-Unjoni. Hemm probabbiltà wkoll li dan l-influss jikkawża, fost l-oħrajn, telf fis-sehem mis-suq, tnaqqis fil-prezzijiet tal-bejgħ, tnaqqis fl-utilizzazzjoni tal-kapaċità u b'mod ġenerali deterjorament serju tas-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni.

(111) Il-Kummissjoni għalhekk ikkonkludiet li ż-żamma ta' miżuri anti-dumping kontra importazzjonijiet ta' ġild kamoxxa mir-RPĊ hija fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

6.2. **Interess tal-importaturi u tal-utenti mhux relatati**

(112) Fl-investigazzjoni oriġinali nstab li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping x'aktarx ma kienet tħalli l-ebda effett negattiv serju fuq is-sitwazzjoni tal-importaturi u tal-utenti fl-Unjoni. L-ebda importatur ma kkoopera f'din l-investigazzjoni.

(113) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe kooperazzjoni mill-importaturi u mill-utenti f'dan ir-rieżami ta' skadenza, il-Kummissjoni tikkunsidra li s-sejbiet tagħha fl-investigazzjoni oriġinali għadhom validi u li l-kontinwazzjoni tal-miżuri ma taffettwax b'mod negattiv lill-importaturi u lill-utenti tal-Unjoni, jew għallinqas ma taffettwahomx b'mod sinifikanti.

6.3. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(114) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti marbuta mal-interessi tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri anti-dumping kurrenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġinaw miċ-Ċina.

7. **DIVULGAZZJONI**

(115) Il-partijiet kollha ġew mgħarrfa bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien maħsub li jiġi rrakkomandat li l-miżuri anti-dumping eżistenti jibqgħu fis-seħħ. Ingħataw ukoll perjodu ta' żmien biex jippreżentaw kummenti wara dik id-divulgazzjoni. Ma wasal l-ebda kumment.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING**

(116) Għalhekk, u skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-miżuri anti-dumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-ġild kamoxxa li joriġinaw fir-RPĊ, imposti permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1153/2012, jenħtieġ li jinżammu.

(117) Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ([13]) huwa xieraq li jiġi pprovdut għar-rata tal-imgħax ta' inadempjenza li jrid jitħallas f'każ ta' kwalunkwe rimborż potenzjali ta' dazji definittivi, minħabba li d-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji doganali ma jipprovdux għal din ir-rata tal-imgħax, u l-applikazzjoni tar-regoli nazzjonali twassal għal distorsjonijiet mhux dovuti bejn l-operaturi ekonomiċi skont liema Stat Membru jintgħażel għall-iżdoganar tal-merkanzija.

(118) Il-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036 ma tax opinjoni dwar il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament,

([13]) Is-Sentenza tal-Qorti (it-Tielet Awla) tat-18 ta' Jannar 2017, C-365/15, Wortmann vs Hauptzollamt Bielefeld, EU:C:2017:19, il-paragrafi minn 35 sa 39.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qed jiġi impost dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ġild kamoxxa u ġild kamoxxa kkombinat, kemm jekk imqatta' f'forma sew jekk le, inkluż ġild kamoxxa tal-qoxra u ġild kamoxxa tal-qoxra kkombinat li bħalissa jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 4114 10 10 u 4114 10 90 u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rati tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ta' 58,9 %.

3. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali. L-imgħax ta' inadempjenza li għandu jitħallas f'każ ta' rimborż li jwassal għal dritt ta' ħlas ta' mgħax ta' inadempjenza għandu jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikat fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fis-seħħ fl-ewwel jum kalendarju tax-xahar li fih taħbat id-data tal-iskadenza, b'żieda ta' punt perċentwali wieħed.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Frar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER